31995D0454

7.11.1995 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 264/37

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-23 ta' Ottubru 1995**

**li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd u ta' akwakultura li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea**

**(Test b'relevanza għall-Ftehim EE)**

(95/454/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tippreskrivi il-kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd ([1]), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni wettaq żjara ta' spezzjoni fir-Repubblika tal-Korea sabiex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom jiġu prodotti, maħżuna u mibgħuta prodotti tas-sajd lill-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tar-Repubblika tal-Korea dwar spezzjonijiet ta' saħħa u kontrolli fuq prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk preskritti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi, fir-Repubblika tal-Korea il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, tal-Foresti u Sajd - Amministrazzjonijiet Nazzjonali tas-Sajd - Stazzjon ta' Spezzjoni ta' Prodotti tas-Sajd Nazzjonali (SSPSN) huwa kapaċi jivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tkopri wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi tal-lingwa/i li fiha għandu jiġi abbozzat u l-grad tal-persuna awtorizzata li tiffirmah;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titpoġġa marka fuq pakketti ta' prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titħejja lista ta' stabbilimenti approvati; billi dik il-lista għandha ssir fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-SSPSN lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk f'idejn l-SSPSN li jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet preskritti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

([1]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

Billi l-SSPSN ipprovda assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità mar-regoli preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE u fir-rigward tat-tħaris ta' ħtiġiet ekwivalenti għal dawk preskritti b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti;

Billi l-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, Foresti u Sajd - Amministrazzjonijiet Nazzjonali tas-Sajd - Stazzjon ta' Spezzjoni ta' Prodotti tas-Sajd Nazzjonali (SSPSN) għandu jkun l-awtorità kompetenti fir-Repubblika tal-Korea li tivverifika u tiċċertifika l-konformità ta' prodotti tas-sajd u akwakultura mal-ħtiġiet ta' Direttiva 91/493/KEE.

*Artikolu 2*

Prodotti ta' sajd u akwakultura li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. Kull kunsinna għandha tkun akkompanjata b'ċertifikat enumarat oriġinali tas-saħħa, mimli kif imiss, iffirmat, datat u li jkun magħmul minn folja waħda skond il-mudell fl-Anness A li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-prodotti għandhom jaslu mingħand stabbilimenti approvati elenkati fl-Anness B li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

3. Minbarra fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati fi kwantità u maħsuba għall-manufattura ta' ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandhom jġorru l-kliem 'REPUBBLIKA TAL-KOREA' u n-numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini b'ittri li ma jitħasrux.

*Artikolu 3*

1. Ċertifikati msemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom jitħejjew f'ta' l-inqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn jitwettqu l-verifiki.

2. Iċ-ċertifikati għandhom juru l-isem, il-karaiga u l-firma tar-rappresentant tal-SSPSN, u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' awtorizazzjonijiet oħra.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 1996.

*Artikolu 5*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Ottubru 1995.

*Għall- Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal- Kummissjoni*

*L-ANNESS A*

**ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA**

**għal prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea**

Nru ta' Referenza: ..........................................

Pajjiż ta' dispaċċ: REPUBBLIKA TAL-KOREA

Awtorità kompetenti: *Ministeru ta' l-Agrikoltura, Foresti u Sajd — Amministrazzjoni Nazzjonali tas-Sajd - Stazzjon ta' Spezzjoni ta' Prodotti tas-Sajd Nazzjonali (SSPSN)*

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd jew ta' l-akwakultura ([1])

— Speċi (isem xjentifiku): ..........................................

— Preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament ([2]): ..........................................

Numru tal-kodiċi (fejn ikun jeżisti): ..........................................

Tip ta' ppakkjar: ..........................................

Numru ta' pakketti: ..........................................

Piż nett: ..........................................

Temperatura meħtieġa għall-ħażna u t-trasport: ..........................................

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numru (numri) ta' approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment/i approvat/i mill-SSPSN, għall-esportazzjoni lejn il-KE:

..........................................

..........................................

..........................................

..........................................

..........................................

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti jintbagħtu

minn: ..........................................

(post tad-dispaċċ)

lejn: ..........................................

(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezzi ta' trasport li ġej: ..........................................

Isem u indirizz ta' min jibgħat: ..........................................

..........................................

..........................................

Isem tad-destinatarju u ndirizz fil-post tad-destinazzjoni: ..........................................

..........................................

..........................................

([1]) Ħassar fejn fejn japplika.

([2]) Ħajjin, refrigerati, iffriżati, immelħa, iffumigati, ippriservati, eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti ta' sajd u akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. ġew maqbuda u mmaniggjati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa preskritti bid-Direttiva 92/48/KEE;
2. inħattu, ġew immaniġġjati u ppakkjati, ppreparati, ipproċessati, iffriżati, iddewbu u ġew maħżuna b'mod iġjeniku b'konformità mal-ħtiġijiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
3. għaddew mill-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
4. ġew ppakkajti, mmarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VII ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE;
5. ma kienux ġejjin minn speċ tossiċ jew speċi li jkun fihom il-bijotossini;
6. għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli organolettiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi preskritti għal ċerti kategorji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet implimentattivi tagħha;
7. b'żieda, fejn il-prodotti tas-sajd ikunu molluski bivalvi ffriżati jew ipproċessati : il-molluski kienu miksuba minn żoni ta' produzzjoni approvati preskritti fl-Anness B li jinsab mad-Deċiżjoni 95/453/KE tat-23 ta' Ottubruu 1995 li tippreskrivi kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati, u gastropodi marini li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea.

L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, Direttiva 92/48/KEE u Deċiżjoni 95/453/KE.

magħmula ............................................................, ............................................................
(post) (data)

Timbru uffiċjali (1)

............................................................
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)

............................................................
(isem b'ittri kapitali, kariga u kwalifiki tal-persuna li tiffirma) (1)

(1) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra taċ-ċertifikat.

*L-ANNESS B*

**LISTA TA' STABBILIMENTI U BASTIMENTI FABRIKA APPROVATI.**

I. **Stabbilimenti**

| Nru ta' approvazzjoni | Ditta | Indirizz | Approvata sa |
|---|---|---|---|
| KORP-001 | CHUNIL FOODS MANUFACTURING CO., LTD | BUK-GU, INCHEON-SI | 1996.10.30. |
| KORP-002 | OYANG CORPORATION | SEO-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30. |
| KORP-003 | DONGYUNG FOODS CO., LTD | ANSUNG-GUN, KYUNGGI-DO | 1996.10.30. |
| KORP-005 | JINJUHAM CO., LTD | YANGSAN-GUN, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-006 | DONGWON INDUSTRIES CO., LTD | CHANGWON-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-007 | HANSUNG ENTERPRISE CO., LTD | KIMHAE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-008 | DAERIM CORPORATION | SEO-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30. |
| KORP-009 | TAIHOON INDUSTRIAL CO., LTD | YOUNGDUK-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-010 | SILLA SEA FOOD CO., LTD | SASANG-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30. |
| KORP-01 1 | SUNGJIN FISHERY CO., LTD | JINHAE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-014 | YOUNGSIN FISHERIES CO., LTD | YEOCHUN-GUN, CHONLANAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-015 | JEIL REFRIGERATING CO., LTD | YEOSU-CITY, CHONLANAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-018 | DONGMYUNG IND CO., LTD | JINHAE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-019 | DONGWON FISHERY CO. | SEO-GO, PUSAN-SI | 1996.10.30. |
| KORP-020 | SAMJIN TRADING CO., LTD | SAHA-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30 |
| KORP-022 | HEECHANG TRADING CO., LTD | SEO-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30. |
| KORP-023 | DAIHUNG MULSAN CO. | TONGYUNG-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-024 | TRANSOCEAN ENTERPRISE CO., LTD | ULCHIN-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-02S | SEWON FISHERY CO., LTD (HUPO PLANT) | ULCHIN-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-026 | TAELIM CO., LTD | ULCHIN-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-027 | SAMHONG INDUSTRIAL CO., LTD | ULCHIN-GU, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-028 | DAEHU ENTERPRISE CO., LTD | ULCHIN-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-029 | SEUNG FISHERIES CO., LTD | YOUNGDUK-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-030 | MOFICO., LTD | YOUNGDUK-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-031 | HANSUNG FOODS CO., LTD | DANGJIN-GUN, CHOONGCHUNGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-032 | CHANGWOO MOOLSAN CO., LTD | SOCKCHO-CITY, KANGWON-DO | 1996.10.30. |
| KORP-035 | JINYANG FISHERY CO., LTD | GEOJE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-036 | CENTRAL FISHERIES CO., LTD | GEOJE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-040 | SEWON FISHERY CO., LTD (SAMYUL PLANT) | ULCHIN-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-047 | SAMYUNG FISHERY CO. | KANGREUNG-CITY, KANGWON-DO | 1996.10.30. |
| KORP-049 | KUMHAE CORPORATION | KWANGYANG-GUN, CHONLANAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-050 | KUMHAE FISHERY CO., LTD | YEOSU-CITY, CHONLANAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-052 | SAMKYUNG INDUSTRIAL CO., LTD | GOHUNG-CITY, CHONLANAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-053 | SAMJIN GENERAL FOOD CO., LTD | NAJU-CITY, CHONLANAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-054 | DONGRIM FOODS CO., LTD | CHANGYOUNG-GUN, KYUNG-SANGNAM-DO | tat-30.10.1996 |
| KORP-059 | YANGPO FOODS CO., LTD | POHANG-CITY, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-060 | JINRO GENERAL FOODS CO., LTD | POHANG-CITY, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-063 | YUSUNG MULSAN CO., LTD | TONGYUNG-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-064 | BUKWANG FOOD CO., LTD | GEOJE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-065 | MYUNG SUNG FOOD CO., LTD | GOSUNG-GUN, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-066 | SAMHO COMPANY LTD | SUNGNAM-CITY, KYUNGGI-DO | 1996.10.30. |
| KORP-068 | DAERIM CORPORATION (ANSAN PLANT) | ANSAN-CITY, KYUNGGI-DO | 1996.10.30. |
| KORP-069 | FREEKO CO., LTD | PAJU-GUN, KYUNGGI-DO | 1996.10.30. |

| Nru ta' approvazzjoni | Ditta | Indirizz | Approvata sa |
|---|---|---|---|
| KORP-070 | HANSUNG FISHERY CO., LTD | POHANG-CITY, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |
| KORP-071 | KUMKANG TECH CO., LTD | YUNKI-GUN, CHOONGCHUNGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-072 | DAEIL FISHERIES CO., LTD | GEOJE-CITY, KYUNGSANGNAM-DO | tat-30.10.1996 |
| KORP-073 | SHINJIN MOOLSAN CO., LTD | HAMAN-GUN, KYUNGSANGNAM-DO | 1996.10.30. |
| KORP-074 | DAEWOO CO., LTD | ULCHIN-GUN, KYUNGSANGBUK-DO | 1996.10.30. |

II. **Bastimenti tal-fabbrika**

| Nru ta' approvazzjoni | Isem | Isem u ndirizz tas-sid | Approvazzjoni moghtija sa |
|---|---|---|---|
| KORF-019 | JUNSUNG HO | HANSUNG ENTERPRISE CO., LTD YEONGDO-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30. |
| KORF-020 | DAESUNG-HO | HANSUNG ENTERPRISE CO., LTD YEONGDO-GU, PUSAN-SI | 1996.10.30. |